MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2009

Numru. 885/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**Vs**

**Peter Aquilina, bin Joseph A u Gesina xebba Gesk, mwieled Pieta Malta nhar l-24 t'Awissu 1965, u li joqghod Erlen Street no 9, 25492 Heist detentur tal-karta ta' l-identita numru 407165M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Peter Aquilina r u cioe` talli:

a) fis-26 t'Awissu 2009, ghall-hin ta' bejn 13:30hrs u 14:15hrs, uza vjolenza sabiex igieghel lil Noel Mallia, jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga

b) aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Noel Mallia jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri kriminali Noel Mallia ddikjara li huwa ma xtaqx jixhed u dan biex ma jinkriminax ruhu fi proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu.

Illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduci fir-rigward ta' dan il-kaz u dan fid-dawl tad-dikjarazzjoni maghmulha mix-xhud Noel Mallia.

Ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur tirrigwarda biss rapport maghmul mill-parte leza Noel Mallia.

Ghaldaqstant il-Qorti tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dan minhabba l-fatt li l-akkuzi ma gewx pruvati sufficjentament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------